**Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat: Dr. Victor G. Axiak B.A., LL.D., Dip. Tax**

# L-AĠENZIJA GĦAS-SISTEMA TA' INFURZAR LOKALI V. PETER PAUL MICALLEF

## KONTRAVVENZJONI NRU. 049-11897-0

20 ta' Jannar 2022

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Peter Paul Micallef (ID. 180054M) akkużat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja talli:

- fit-30/10/2020 fis-1.15pm ġewwa Triq Prinċipessa Eliżabetta, Ta' Xbiex, naqas milli josserva b'mod strett l-ordni tal-iżolament personali tiegħu kif meħtieġ mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika (Avviż Legali 98 tal-2020, Art.3, 4, 5)

Rat id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni u kkundannatu jħallas għaxart elef euro (€10,000) ammenda.

Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fit-12 ta' Frar 2021 (kif emendat permezz tad-digriet tal-Qorti tal-4 ta' Novembru 2021 fuq talba tal-appellant) li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirriforma d-deċiżjoni appellata kif ġej:

- **Tirrevoka** d-deċiżjoni ta' ħtija u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe ħtija u piena applikabbli għalih,

- **Alternattivament u mingħajr preġudizzju,** minkejja li ssib lill-appellant ħati, **tirriforma** d-deċiżjoni appellata fil-parti tal-piena u tħassar fejn ikkundannatu għall-ħlas ta' penali ta' għaxart elef euro (€10,000)

Rat li l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok u b ' kull dovut rispett ghad-decizjoni tat-Tribunal, ma tistax tkun erogabbli ebda piena ghal ksur ta' dan ir-regolament stante li l-kontravvenzjoni ma tistipolax jekk il-penali hijiex multa jew ammenda u ghaldaqstant it-Tribunal ma setghax jikkundanna l-esponent u dan kif gie stabbilit fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell preseduta mill-Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LLD fl-ismijiet 'il- Pulizja vs Jason Paul Ciantar' datata 26 t' April, 2018 fejn 1-Qorti irriteniet is-segwenti: " ... illi l-ewwel imputazzjoni hija dik ravvizata fir-regolament 36(3) tal-Ligi Sussidjarja 368.02. Skond is-subregolament 7 (a) sa (l) tar- regolament 44, l-ewwel imputazzjoni timporta piena ta' bejn €25 u €60 (sic.), minghajr ma tissemma 1-kelma "ammenda "jew "multa". Dan gia kien osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti il-Pulizija vs Carmelo Sammut deciza fit-30 t'Ottubru 2017 bil-konsegwenza Ii ma tista' tkun erogabbli ebda piena ghal ksur ta' dan ir-regolament";*

2. *"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, bl-akbar rispett lejn id-decizjoni tat-Tribunal, dan ghamel apprezzament hazin tal-fatti stante illi t-Tribunal naqas milli jiehu in konjizzjoni primarjament l-istat ta' paniku u aktar minn hekk, l-istat ta'emergenza Ii din is-sitwazzjoni kienet tirrifletti. Illi l-fatt li l-esponent ha kawtela ossia li libes maskla u li ghamel uzu mill-karozza tieghu sabiex izomm distanza ragonevoli min ma terzi ukoll gie skartat mit-Tribunal. Illi ikun ukoll opportun li jinghad li tenut kont tal-fatt Ii l-esponent ma kellu l-ebda kuntatt dirett ma bintu sakemm l-istess harget negattiva kif ukoll li l-esponent addotta kwalsiasi kawtela meta dan hareg jixtri, dan kollu jwassal ghall-konkluzjoni li l-esponent ha dan il-pass bla ebda intenzjoni malizjuza sabiex jikser xi regolamenti naxxenti mill-ligi, jew sabiex juri xi disprezz lejn l-awtoritajiet kompetenti jew wisq aktar sabiex jikkawza xi hsara lil terzi."*

3. *"Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess, l-appellant qatt ma' nstab hati ta' ebda reat u għandu fedina penali nadifa."*

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2021.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn għal kull bwon fini qed jiġi preċiżat li l-appellanta hija "L-Aġenzija Għas-Sistema ta' Infurzar Lokali" u mhux "LEZA" kif erronjament ġie indikat fir-rikors t'appell

jew "LESA" kif ukoll erronjament ġie indikat mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Għalkemm ma' saret ebda talba għal din il-korrezzjoni , huwa evidenti illi dak li jidher kemm fir-rikors t'appell u kemm fid-deċiżjoni huwa sempliċi *lapsus* u għalhekk din il-Qorti qegħda tikkoreġi *ex officio* dan l-isem ai termini tal-Art. 175(2) tal-Kap. 12 kif reż applikabbli għal din il-Qorti bl-Art. 520(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament il-Qorti qegħda tissolleva *ex officio* n-nullita' tal-proċeduri kontra l-appellant peress illi ma' jidhirx illi l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali (komuniment magħrufha bħala LESA) għandha poter li tipprovdi għall-infurzar tar-Regolamenti li taħthom ġie misjub ħati l-appellant.

Illi skond Art. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.14 ("Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Għas-Sistema tal-Infurzar Lokali"):

**'3.Għandha titwaqqaf Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali, li għandha twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-ħwejjeġ li ġejjin:**

**(a) tipprovdi għall-infurzar ta' kwalunkwe liġi, regolament jew ordinament, liema infurzar ġie delegat lil kumitati reġjonali, kunsilli lokali jew lil dawk l-awtoritajiet lokali jew reġjonali oħra kif huma msemmija fl-Att dwar Gvern Lokali ...'**

Illi dak l-infurzar li ġie delegat lill-kunsilli lokali u kumitati reġjonali huwa regolat taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.41 ("Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali Kumitati Reġjonali") li jipprovdi *inter alia* kif ġej:

**'2.(1) Skont l-artikolu 33(1)(n) tal-Att dwar Gvern Lokali (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att") l-infurzar ta' –**

**(a) Bye-Laws magħmulin, jew li jistgħu minn żmien għal żmien isiru, minn kull Kunsill Lokali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(1) tal-Att,**

**(b) kontravvenzjonijiet dwar dawk ir-reati li jinsabu elenkati fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jidhru taħt l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-ordni** (emfasi miżjuda mill-Qorti)**,**

**ikunu funzjoni li qegħda b'dan tiġi delegata lil kull Kunsill Lokali għar-rigward ta' kontravvenzjonijiet li jsiru fil-lokalità relattiva jew lill-Kumitat Konġunt jew Kumitat Reġjonali għar-rigward ta'kontravvenzjonijiet li jsiru f'xi lokalità li taqa' taħt ir-responsabbilà tiegħu skont dan l-ordni.'**

Illi l-imputat ġie akkużat quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja b'reat illi jaqa' taħt Art. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.29 ("Regolamenti Dwar L-Infurzar Tal-Ordni Li

Jirrigwarda L-Iżolament Personali Ta' Persuni Li Għandhom Dijanjosi" – AL 98 tal-2020).

Illi issa għalkemm dawn ir-Regolamenti msemmija tabilħaqq jinsabu elenkati fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291) u allura jirraviżaw reat illi l-Kummissarji għandhom kompetenza li jisimgħu taħt il-Kap. 291, madanakollu m'humiex elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Li jfisser illi preżentement l-ebda kunsill lokali jew kumitat reġjonali (jew l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali) m'għandhom xi setgħa illi jressqu lil persuna b'akkuża taħt ir-Regolamenti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 465.29 quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja.

Illi huwa prinċipju assodat illi l-liġi ubi voluit dixit u la darba dan il-vires mhux espressament provdut fil-liġi li hi liġi speċjali, allura l-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali ma' tistax taġixxi ta' Prosekutur għal dan ir-reat.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddikjara l-proċeduri kontra l-appellant irriti u nulli, tirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Ġustizzja u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur